HARGA NUMRU 20 - XITWA

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# GĦEŻIEŻ QARREJJA,

Dħalna fl-istaġun tax-xitwa u għal darb'oħra qed nerġgħu nidħlu fi djarkom permezz ta' din ir-rivista. Ħadt gost ħafna niltaqa' mal-pubbliku fl-open day li saret ġewwa l-Għammieri, u apprezzajt ħafna l-kummenti pożittivi tagħkom kemm fuq ix-xogħol li għaddej fis-settur kif ukoll fuq din il-ħarġa li toħroġ ta' kull staġun.

Dan l-istaġun iġib miegħu l-Milied u bidu ta' sena ġdida. Għalkemm hemm ħafna tradizzjonijiet marbutin ma' dan iż-żmien, l-isbaħ ħaġa hi li jitqatta' mal-familjari u ħbieb. Madwarna naraw ħafna tiżjin, kemm fit-toroq, fl-istabbilimenti u anki fid-djar li bla ma trid jagħmlulek burdata tajba. Sfortunatament mhux kulħadd għandu l-grazzja li jkollu Milied sabiħ u għalhekk għandna niftakru wkoll f'min hu inqas ixxurtjat minna. Fis-soċjetà għandna ħafna nies vulnerabbli bħal anzjani li m'għandhomx familjari li jżuruhom, tfal fil-bżonn u neqsin min-neċessitajiet bażiċi u anki annimali li jinsabu abbandunati f'xi santwarju. Aħna lkoll nistgħu nagħmlu differenza fil-ħajja ta' dawn billi nżuruhom u forsi anki nferrħuhom bil-kumpanija tagħna jew b'xi rigal żgħir li għalihom ikun ifisser ħafna.

Bħal ma diġà għedtilkom fil-Milied li għadda, nixtieq nerġa' ngħaddi l-messaġġ li dawk li għandhom ħsieb jadottaw jew jixtru xi annimal biex jingħata bħala rigal. Għalkemm din hija ħaġa sabiħa ħafna, dejjem żommu f'moħħkom li annimal iġib miegħu responsabbiltà u bħal kull ħaġa oħra ħajja, jirrikjedi li jkollu ħajja xierqa, ikel u ilma frisk u l-kura kollha meħtieġa għal ħafna snin.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-kollegi u lill-kontributuri li bis-saħħa tagħhom stajna nwasslu għal sena oħra, pubblikazzjonijiet informattivi li ninsab ċerta li ntlaqgħu tajjeb ħafna magħkom il-qarrejja.

Tinsewx tingħaqdu magħna fuq il-paġna ta' Facebook "Nisġet Artna" sabiex tibqgħu dejjem aġġornati b'dak kollu li jkun għaddej fi ħdan is-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Nixtieqilkom il-Milied it-Tajjeb u sena mimlija risq, hena u saħħa.

Tislijiet,

Claire Cauchi

# NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali
Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Inġiered, il-Marsa, MRS 3303



Pittura
Joseph Mercieca
Betlem f'Għajnsielem

Koordinatriċi
Leanne Bajada
Editur
Claire Cauchi
Kontributuri
Lao Vella
Perit David Farrugia
Robert Cutajar
Malcolm Vassallo
Chantea Balzan
Maria Micallef
David Bartolo
Matthew Tabone
Malcolm Borg
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Matthew Spagnol
Luke Zammit
Anton B Dougall
Qari tal-provi
Braden Saffrett
Diżinn
Max Saliba
Stampar
Government Printing Press

## Werrej

04. RIĊERKA FIT-TKABBIR TAĊ-ĊIPPULLAZZ MITMUGĦ B'GĦALF DIFFERENTI
06. IL-KAPPELLA TA' SAN DIMITRI, L-GĦARB GĦAWDEX
06. MONUMENT TAL-ANNIMALI
07. FESTA ĦUT
08. IR-RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN: IL-ĦAMIEM
10. TKOMPLI TIDDIVERSIFIKA U TINTENSIFIKA ĦIDMET ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI
11. PREMJU MERBUĦ MILL-ARPA GĦAL SERVIZZ TA' KWALITÀ U EĊĊELENZA
12. JUM L-ANNIMALI
14. MIŻURA TAL-BAĠIT 68 - BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ
16. LAQGĦA GĦALL-BDIEWA U R-RAĦĦALA - IL-ĠIMGĦA GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU 2019
17. AZZJONI KONKRETA
18. L-EWWEL WINE APPRECIATION EVENT F'GĦAWDEX
20. IL-PROĠETT TA' TISBIĦ FIL-PARK REĠJONALI TA' ĦAŻ-ŻABBAR
21. IR-REĠISTRU NAZZJONALI TA' PRODOTTI AGROALIMENTARI TRADIZZJONALI TA' MALTA U GĦAWDEX
22. ARTIKLU GĦAT-TFAL
23. RIĊETTI TA' ANTON B DOUGALL

# RIĠENERAZZJONI, MODERNIZZAR U INVESTIMENT



Wasal Milied ieħor u daqt nibdew sena ġdida, li bla dubju se tkun sena oħra mimlija ħidma, anke meta nagħtu ħarsa lejn ftit mill-miżuri li s-Segretarjat li jien responsabbli minnu se jkun qiegħed iwettaq fis-sena 2020 relatati mal-baġit li ħabbarna.

Fl-2020 se nkomplu ninvestu bis-sħiħ fis-setturi tal-Biedja u tas-Sajd. Introduċejna qafas biex tingħata l-assistenza għall-ewwel darba lill-bdiewa Maltin u Għawdxin wara l-ħsarat strutturali li ġarrbu fil-maltempata ta' Frar li għadda. Dan huwa pass ieħor pożittiv bla preċedent favur is-sostenibilità tas-settur agrikolu. Is-sajjieda li sofrew danni f'din l-istess maltempata se jingħataw kumpens ukoll.

Qegħdin ninvestu fiż-żgħażagħ tagħna u nirristrutturaw is-setturi tal-agrikoltura u s-sajd sabiex ikunu aktar profittabbli u nattiraw żgħażagħ li jistgħu jibdew iħarsu lejn kunċetti ta' agribusiness u mhux biss biedja bil-mod tradizzjonali. Fost l-oħrajn nedejna l-korsijiet mingħajr ħlas fl-MCAST għall-bdiewa u għar-raħħala.

Se nkunu qegħdin niżviluppaw il-Fisheries Services Hub ċentrali fil-Marsa fejn is-servizzi offruti lis-sajjieda se jkunu ċentralizzati sewwasew biswit il-Pixkerija. Matul is-sena d-dieħla wkoll se nkunu qed inlestu pjan ta' riġenerazzjoni u modernizzar tal-Pitkalija. Dan il-pjan qed isir b'konsultazzjoni wiesgħa u għal darb'oħra nirringrazzja lill-bdiewa kollha li tkellimt magħhom u taw l-ideat tagħhom inkluż l-Għaqda Bdiewa Attivi li stqarrew li d-diskussjonijiet kontinwi li qegħdin isiru huma pożittivi.

Is-sena d-dieħla, pajjiżna mhux biss se jżomm il-kompetittività imma wkoll iżidha. Gvern Laburista jaħseb f'kulħadd sabiex Inkomplu Nikbru Flimkien. Jien nagħlaq hawn billi nixtieq lilkom u lill-għeżież tagħkom Milied hieni u sena tajba!

*Clint Camilleri*

*Is-Segretarju Parlamentari*
*Clint Camilleri*
*jixtieq lilkom u lill-familji tagħkom*

*il-Milied u s-Sena t-Tajba...!*

# RIĊERKA FIT-TKABBIR TAĊ-ĊIPPULLAZZ MITMUGĦ B'GĦALF DIFFERENTI

L-istudju tad-diversifikazzjoni ta' speċi ta' ħut jew ħlejjaq oħra tal-baħar li jistgħu jitkabbru f'sistemi ta' akkwakultura hi ta' importanza kbira. Dan għax tanalizza l-potenzjal ta' tkabbir illi speċi partikolari għandha u b'hekk iżżid iċ-ċans li toħloq produzzjoni ġdida ta' ħut u saħanistra suq ġdid li jista' jkopri parti mid-domanda għal ħuta partikolari. Barra minn hekk, dan inaqqas ukoll il-pressjoni minn fuq stokk ta' ħut salvaġġ.

Iċ-Ċentru tar-Riċerka tal-Akkwakultura ħaseb illi waħda minn dawn l-ispeċi ta' ħut tkun iċ-Ċippullazza, Scorpaena scrofa u għalhekk ilu għal dawn l-aħħar sentejn jixtri stokk ta' ħut żgħir ta' din l-ispeċi biex eventwalment ikun jista' jiġi studjat il-potenzjal tat-tkabbir ta' din il-ħuta.

Iċ-Ċippullazza hija ħuta tal-qiegħ, li tinstab fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, u għandha prezz relattivament tajjeb fis-suq. Hi ta' importanza kbira kemm għal sajd partikolari, kif ukoll ta' importanza ekoloġika relatata ma' komunitajiet ta' qiegħ il-baħar, kif ukoll sikek.

Iż-żmien neċessarju biex dawn l-individwi jikbru u jimmaturaw, jagħti ċ-ċans li jsiru numru ta' studji, ġeneralment relatati mal-effiċjenza tat-tkabbir u studji ta' dieti varjati, biex eventwalment ikunu ta' għajnuna iktar 'il quddiem fil-proċess ta' riċerka.

Dan l-aħħar, student miċ-Ċentru tal-Agrikoltura, l-Akkwakultura u x-Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST, Darren Beach, taħt is-superviżjoni ta' Dr Robert Vassallo Agius investiga d-differenzi fiż-żieda tal-piż u ż-żieda fid-daqs ta' numru ta' Ċippullazz, b'żewġ tipi ta' dieti differenti. Dieta minnhom kienet ibbażata fuq għalfa ta' kavalli, Scomber spp., filwaqt li l-oħra kienet ibbażata fuq moist pellets. Moist pellet hija forma ta' għalfa li tiġi prodotta u tingħalef friska. Din hi differenti kemm minn għalf tal-lixka (baitfish) kif ukoll minn ġwież kummerċjali (dry feed pellets).

30 Ċippullazza ġew miżmuma f'sitt tankijiet ta' 7,500 litru kull wieħed. Tlieta minn dawn it-tankijiet ġew magħlufa bil-Kavalli filwaqt li t-tlieta l-oħra bil-moist pellet. Il-moist pellet, li ġie prodott fiċ-Ċentru tal-Akkwakultura stess, hu magħmul minn kapuljat tal-istess kavalli, imħallat ma' ġwież kummerċjali għall-għalf tal-ħut. Din l-għaġna tiġi maħduma għal diversi drabi, tiġi iffurmata f'forma ta' zalzett, titqatta' roti roti u tingħalef niedja.

Iċ-Ċippullazz inżamm taħt dan l-esperiment għal erba' xhur sħaħ fejn il-livelli tal-ossiġnu, it-temperaturi u l-ħin ta' dawl inżammu taħt kundizzjonijiet kostanti u fejn il-kwalità tal-ilma kienet tiġi ċċekkjata kuljum. Kull ħmistax, kienu jitkejlu l-piż u t-tul ta' kull individwu. Kull individwu kien qed jintgħaraf permezz ta' T-tag b'numru partikolari fuqha. Din it-tag ġiet imwaħħla max-



Ċippullazza qabel ma tkejlet, bit-tag tidher ċara max-xewka ta' daharha

Dan l-artiklu nkiteb minn
Matthew Spagnol
Principal Aquacultural u lekċerer part-time
fl-MCAST u Luke Zammit Scientific Officer

DIFFERENTI

xewka ta' dahar kull ħuta fil-bidu tal-esperiment.

Minn riżultati ta' osservazzjoni u mill-piż ta' ikel li kien jittiekel, il-ħut wera preferenza għall-għalfa ta' Kavalli, probabbilment minħabba li kemm il-palat u kif jinħass dan l-għalf hu eqreb għal dak naturali li jittiekel minn din l-ispeċi fis-salvaġġ. Mill-istatistika, ġie magħruf illi ma kien hemm l-ebda differenza la fiż-żieda tal-piż u lanqas fiż-żieda tat-tul bejn iż-żewġ tipi ta' għalfiet.

Minkejja dan, ġew innutati żewġ punti importanti. L-ewwel nett – li kien hemm indikazzjoni li l-għalf differenti kellu vantaġġi fi stadji differenti tal-ħajja taċ-Ċippulazz. Filwaqt illi l-lixka tat riżultati tajbin fl-ewwel stadji tat-tkabbir, il-moist pellet kien aktar addattat u ta riżultati aqwa, iktar tard, meta ċ-Ċippullazz beda jikber.

It-tieni punt importanti kien li l-għalfa bil-moist pellet kienet aktar effiċjenti għaż-żieda tal-piż tal-ħuta. Barra minn hekk, l-istudju wera li hemm vantaġġi kemm nutrittivi kif ukoll finanzjarji meta intuża l-moist pellet.

Fil-futur, ikun interessanti li jiġi analizzat iktar l-użu tal-moist pellet għal din l-ispeċi ta' ħuta. Tajjeb li tiġi studjata iktar fil-fond il-kwalità tal-moist pellet bl-iskop li tingħata spinta ikbar u iktar effiċjenti liċ-Ċippullazza fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha u sabiex nagħrfu nistgħux inkabbru din il-ħuta b'rata iktar mgħaġġla u bl-inqas għalf possibbli u kif ukoll sabiex naraw li timmatura tajjeb biex tkun tista' tkattar.


Iċ-Ċippullazza, Scorpaena scrofa


L-apparat lest għall-kejl u għall-użin tal-ħut


Wieħed mit-tankijiet illi fih sar l-istudju


Numru ta' Ċippullazz, maqbud mis-salvaġġ, qabel tpoġġa fit-tankijiet, fiċ-Ċentru tar-Riċerka


Fażi fil-preparazzjoni tal-moist pellet

# IL-KAPPELLA TA' SAN DIMITRI, L-GĦARB GĦAWDEX

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-istorja ta' Malta

Fil-Punent ta' Għawdex jinsab ir-raħal qadim tal-Għarb. Fl-akkwati ta' din il-lokalità fil-post magħruf bħala Kap San Dimitri nsibu kappella ddedikata lil San Dimitri u hija l-uniku post ta' qima li huwa ddedikat lil dan il-qaddis fil-Gżejjer Maltin.

Din il-kappella huwa maħsub li nbniet fis-seklu 15 u tissemma fiż-żjara ta' Monsinjur Dusina fl-1575 fejn kien sabha fi stat ħażin ħafna. Wara ftit jidher li ġiet irrestawrata fejn baqgħet tintuża sa nofs is-seklu 17. L-Isqof Balaguer f'Mejju tal-1657 kien għamel żjara pastorali f'din il-kappella, fejn sabha f'kundizzjoni ħażina ħafna u pprofonaha. Wara ftit fl-1694, din reġgħet ġiet mibnija u tbierket. Fl-1796 kienet reġgħet bdiet tinbena mill-ġdid fejn ix-xogħol dam ma sar u tlestiet fl-1809.

Ma' din l-kappella hemm marbuta diversi leġġendi. L-iktar waħda popolari hija dik ta' Żgugina fejn il-furbani serqulha lil binha l-waħdieni u ġarrewh lejn ix-xini tagħhom. Hija talbet lil San Dimitri biex jeħilsu u dan ħareġ mill-inkwatru u mar u salvah. Leġġenda oħra tgħid li f'xi żmien saret theżżiża tal-art u l-knisja nqalbet u għerqet fil-baħar, imma baqgħet sħiħa taħt il-baħar u l-baħrin u s-sajjieda ta' spiss kienu jaraw il-kappella bil-lampa quddiem l-inkwatru tixgħel.

Interessanti l-fatt li għal dawn l-aħħar sentejn, beda jiġi organizzat fejn din il-kappella, il-festival internazzjonali tat-tajra fix-xahar ta' Ottubru, liema avveniment jiġbed diversi nies.





# MONUMENT TAL-ANNIMALI

Dan il-monument f'Ħal Għaxaq jiċċelebra l-akbar ħbieb tal-bniedem – l-annimali. Twanny Vella, li ħadem biex żviluppa din l-idea qal li l-annimali m'għandhomx mibegħda u jibqgħu leali lejn il-bniedem, tant li llum jiggwidaw lill-persuni neqsin mid-dawl kullimkien. Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri żar il-monument meta kien qed jinħadem għand l-iskultur u faħħar din l-inizjattiva li ttieħdet minn għadd ta' voluntiera.

Il-monument, li jinsab f'żona li qabel kienet tattira rimi ta' skart illegali u li issa nbidlet fi ġnien żgħir, inħadem fil-ġebla Maltija u jinkludi diversi annimali fosthom kelb, qattus, papra u żiemel.





Monument iddedikat lill-akbar ħbieb tal-bniedem - l-annimali

# FESTA ĦUT

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri attenda għal sena oħra l-attività annwali Festa Ħut fejn stqarr li attivitajiet bħal din huma parti importanti mill-istrateġija tal-Gvern li jippromwovi l-prodott Malti u l-ħut frisk u s-Segretarjat Parlamentari dejjem ikun minn ta' quddiem sabiex jagħti l-għajnuna finanzjarja biex ikunu jistgħu jittellgħu attivitajiet li jippromwovu l-kwalità tal-prodott lokali u jżommu t-tradizzjonijiet ħajjin.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali qal li l-ħut u s-sajjieda huma parti importanti fil-kultura Maltija għaliex il-gżejjer tagħna huma mdawrin bil-baħar. Il-ħut barra li jsostnu diversi ekosistemi, huma ukoll ta' importanza fuq livelli oħra – l-ekonomija u l-kċina Maltija. B'hekk spjega kif qed isiru l-isforzi kollha biex ikollna ibħra ndaf, mingħajr skart (bħall-plastik) u sajd sostennibli, biex ma niddeterjorawx il-ħajja fl-ibħra tagħna. Dan kollu, spjega Camilleri, huwa miġbur waqt Festa Ħut 2019, f'raħal assoċjat mas-sajjieda u mal-baħar. Huwa sostna li importanti li nagħmlu enfasi li wieħed jagħżel li jiekol ħut frisk u ħut maqbud b'mod sostenibbli, iżda huwa importanti li aħna ma neqirdux dan l-istess ħut jew nikkontaminaw dan l-istess speċi.

L-Onor. Camilleri elenka parti mill-ħidma li saret din is-sena biex ikompli jissaħħaħ is-settur tas-sajd u stqarr kif is-Segretarjat qed jagħmel ħiltu kollha biex inaqqas il-plastik li jintuża darba biss. Huwa spjega li s-sajd u l-baħar b'mod ġenerali huma wieħed mill-elementi l-aktar milquta minn dak imsejjaħ Marine Litter. Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri qal li huwa pożittiv illi nnaddfu qiegħ il-baħar u l-bajjiet tagħna u li dan isir anke permezz ta' ħidma kordinata mill-eNGOs u nies oħra. Però qal li aħna rridu nkunu parti mis-soluzzjoni u mhux mill-problema. Fil-fatt, waqt Festa Ħut kien hemm diskussjoni dwar sajd sostenibbli u l-importanza ta' baħar nadif, kif ukoll stalls mid-dipartimenti li ffukaw fuq ambjent marittimu b'saħħtu u nadif u x'għandna nagħmlu f'dan ir-rigward. Din is-sena kien hemm ukoll it-tinda tal-kampanja Saving Our Blue, fejn id-dipartiment żar diversi bajjiet f'Malta u Għawdex biex iwassal il-messaġġ tagħna – Le għall-plastik li jintuża darba biss. Barra minn hekk, kien hemm bejgħ tal-ħut, ikel tipiku Malti magħmul mill-ħut, esperjenza unika fuq dgħajsa tas-sajjieda, esibizzjoni t'opri differenti tal-baħar, u divertiment għall-familja kollha.

Għal darb'oħra l-villaġġ pittoresk tas-sajjieda nbidel f'festa akbar ta' ħut, f'avveniment li llum sar jagħmel parti mill-kalendarju kulturali Malti, u li jattira diversi Maltin u turisti.



Ritratt - MESDC - Joseph Mercieca

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri flimkien mal-bejjiegħa tal-ħut waqt Festa Ħut f'Marsaxlokk

# IR-RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN: IL-ĦAMIEM

Il-ħamiem, partikolarment It-Tudun tal-Ġebel, Columbia livia (Rock Dove), wieħed minn 300,000 speċi slavaġ distinti fid-dinja, hija l-iktar speċi ta' ħamiem komuni u mifruxa globalment, kemm fis-salvaġġ bħala razez slavaġ, razez maħrubin (feral) u kif ukoll razez domestiċi. Minkejja Columbia livia toriġina fl-Ewropa, fl-Asja, u fl-Afrika ta' Fuq, peress li ilha ddomestikata minn tal-inqas 10,000 sena, saret speċi kożmopolitana. Bis-saħħa t'hekk, żviluppaw madwar 800 razza domestika ta' din l-ispeċi, kollha xjentifikament klassifikati taħt l-isem Columbia livia domest. Ħafna mir-razez evolvew peress li kienu iżolati minn xulxin, filwaqt li oħrajn ġew bit-taħlit ta' razez distinti u b'hekk inħolqu razez ġodda, li saru uniċi matul iż-żmien.

Dan il-proċess seħħ ukoll fil-Gżejjer Maltin. Fl-artiklu "Razzez Domestiċi Maltin: Il-Ħamiem tal-Oħxon ta' Malta" f'Nisget Artna Ħarifa 2015, diġà ddeskrivejna din r-razza ta' ħamiem lokali. Razez oħrajn li ħa niddeskrivu għall-ewwel darba hawnhekk huma xogħol li qiegħed fil-proċess li jiġu fformulati standards, waqt li qegħdin jiġu deskritti xjentifikament. Filwaqt li l-Ħamiema tal-Oħxon ta' Malta hija fost l-eqdem razza magħmula lokalment, madwar 300 sena, u l-iskop tagħha kien għall-ikel u għar-rix, razez aktar riċenti ġew żviluppati għall-wiri (fancy), u għall-esperimentazzjoni, u biex jiggwidaw razez tal-ġiri.

## IL-MAJORKIN

Il-Majorkin huwa razza mifruxa fil-Gżejjer Maltin, li jistħoqqilha iktar attenzjoni. Kważi kull min irabbi il-ħamiem tat-tiġrija, għandu par jew tnejn minn dawn il-ħamiem. Il-Majorkini huma miżmuma biex jattiraw il-ħamiem tat-tiġrija lura lejn il-gallinar, għax meta dawn jitħallew barra, il-Majorkin jitħalla jimraħ ħdejn il-gallinar biex jinkoraġġixxi lil dawk tat-tiġrija jirritornaw lura. L-awturi huma tal-opinjoni li dawn il-ħamiem huma uniċi u meta ġew imqabblin ma' razez simili u magħrufa, mhumiex tal-istess għamla. X'aktax huma dixxendenti minn razez nani magħrufin bħala Owls probabilment minn dawk Taljani. Il-Majorkin huwa ħamiem b'munqar żgħir u lwien ivarjaw, b'kalzetti qosra jew xejn. Kampjuni minn Għawdex ivarjaw billi l-munqar tagħhom huwa kemxejn iżgħar.

## IL-MODERNES

Il-Modernes hija razza popolari għall-wirja, li ġiet żviluppata għal dawn l-aħħar 50 sena. Hija verżjoni żgħira ta żewġ razez barranin qrib ta' xulxin, probabbli mnissla minn Kings u Modena. Minkejja li hemm kulur stabbli, fil-wirjiet il-Modernes tidħol b'diversi kuluri. L-awturi ġew notifikati minn Malta Fancy Poultry and Pigeon Club li qiegħed jipproponi standards għal din ir-razza popolari biex tiġi ġġudikata fil-wirjiet.

## TAL-IMREWĦA

Ġie nnotat li l-Ħamiem tal-Imrewħa antik lokali huwa ħafna differenti minn razez barranin. Filwaqt li denbu huwa inqas wieqaf u b'inqas rix, il-pinen mhumiex daqshekk imdendlin, u l-għonq jitriegħed ħafna inqas. Il-popolazzjoni lokali għandha titjira iktar b'saħħitha. Dawk li jinstabu



Barumbara



Denb uniku b'rix magħqud mill- vina ta' ħamiem Xiberras

Dan l-artiklu nkiteb minn
Arnold u Jeffrey Sciberras
Riċerkaturi fuq il-Bijodiversità

f'Malta huma bojod u kemxejn qawwijin, waqt li t'Għawdex huma iktar mislutin, ta' kulur kannella, u b'inqas rix f'denbhom minn dawk Maltin.

## TAL-BARBARIJA

Din hija ħamiema kbira li għandha ħafna karatteristiċi ta' razez tal-oħxon ta' barra, speċjalment minn Roman Runt, u ħafna Maltin iħawduha ma' tal-Oħxon ta' Malta. Filwaqt li ta' Malta kienet ittir u kellha konnessjoni mal-barumbari, din il-ħamiema ma ttirx u meta tpoġġi fuq il-bajd, ħafna drabi tkisser waħda minnhom. Din ir-razza hija kważi estinta, u l-isem tagħha probabbilment oriġina minn xi impurtatur li kien daħħalha f'pajjiżna.

## IX-XIBERRAS

Razza esperimentali mill-awturi Sciberras li ġiet maħluqa dawn l-aħħar ftit snin. Din hi l-unika tip ta' ħamiema magħrufa fid-dinja fejn għandha rix tad-denb magħqud, jew maqsum, skont il-perspettiva ta' min josserva din ir-razza. Biex inkunu preċiżi, ir-rix magħqud huma proprja żewġ rixiet li qatt ma saru tnejn separati, imma baqgħu mwaħħlin ma' xulxin mill-vina, b'tali mod li nofs minn kull rixa biss tifforma minn dawk it-tnejn li qegħdin magħqudin ma' xulxin. Minħabba f'hekk, ir-rixa stramba li tifforma mhix ċatta imma mwaqqfa b'forma t'arkata dritta meta kkumparata ma' rix normali tal-kumplament tad-denb. Ix-Xiberras oriġinat minn razez tal-Imrewħa, Xaqlibani u minn tal-Ħamiem tal-Belt. Filwaqt li dehret f'wirjiet lokali, l-interess fuqha wasal anke barra minn xtutna, partikolarment it-Tuneżija fejn bdew isejħulha tax-Xiberras.

## RAZEZ BARRANIN B'ISEM MALTI

Dawn huma razez barranin li peress li tawhom isem Malti, il-poplu Malti jaħseb li oriġinaw minn Malta, imma dan mhux bilfors ikun il-każ. Il-Maltija (Maltese Pigeon), li għandha għonqha twil ħafna b'qagħda ta' tiġieġa, x'aktarx din ir-razza Amerikana bdiet minn stokk Malti, u kompliet tiżviluppa fl-Istati Uniti. Tal-WaqWaq (Trumpeter), Tal-Bux (Damascene), Tal-Balla (all Pooter breeds), Tal-Oħxon (all Runt breeds), Tal-Imrewħa (all fantail breeds), Xaqlibani( Roller breeds), Tal-kalzetti (razez li għandhom rix twil ma' saqajhom) u Ħamiem tal-Belt, ħafna jaħsbu li huwa uniku għall-Belt Valletta, imma mhux.

## DELETTANTI TAL-ĦAMIEM

Id-delizzju tat-trobbija tal-ħamiem naqas matul iż-żmien, minħabba l-iskopijiet prinċiparji tagħhom. Peress li ħafna razez huma ornamentali, iridu ħafna attenzjoni u jinvolvu ħafna ħin magħhom, li llum naqas ġmielu, apparti l-ispejjeż biex trabbihom. Dawk ir-razez li trabbew għall-ikel ġew mibdula minn tajr kummerċjali ieħor. L-iktar razez komuni f'Malta li fadal huma tat-triġija (homers/homing pigeons), allavolja xorta qed jonqsu. B'hekk huwa importanti li nikkonservaw kull informazzjoni rigward il-ħamiem f'Malta, għax huma wkoll jiffurmaw parti mill-kultura Maltija.

Ħajr lil Carmelo Catania, Melchior Debono, Jason Azzopardi, Vincenzo Azzopardi u Victor Vella għall-informazzjoni, għajnuna u kampjuni li għaddewlna matul is-snin għar-riċerka tagħna. Għal aktar informazzjoni żuru https://www.facebook.com/Columbatopia


Tal-imrewħa Għawdxi


Ta' Xiberras


Tal-barbarija


majorkin


moderness

# TKOMPLI TIDDIVERSIFIKA U TINTENSIFIKA ĦIDMET ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Robert Cutajar
Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

- **Organizzazzjoni u parteċipazzjoni f'attivitajiet popolari**

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kompla bil-ħidma tiegħu fl-aħħar ġimgħat b'parteċipazzjoni f'diversi attivitajiet popolari. Fost l-attivitajiet li d-Direttorat ipparteċipa fihom kien hemm l-Open Day fl-Għammieri kif ukoll fil-Jum Iddedikat għall-Ħarsien tal-Annimali, liema attività saret fil-Petting Farm f'Ta' Qali.

Matul dawn l-attivitajiet wieħed seta' jinnota u jammira l-imħabba li l-poplu Malti u Għawdxi għandu għall-annimali. Il-pubbliku numeruż preżenti waqt dawn l-attivitajiet wera interess qawwi f'diversi aspetti tal-ħidma tad-Direttorat u l-uffiċjali tad-Dipartiment preżenti taw l-informazzjoni mitluba. Barra minn dan, waqt dawn l-attivitajiet kien hemm domanda qawwija sabiex jiġu addottati klieb u qtates.

Il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet mhux governattivi, li ħidmiethom tirrigwarda wkoll il-ħarsien tal-annimali, kienet waħda pożittiva ħafna. Dan fisser ukoll, li grazzi għal dawn l-attivitajiet, dawn l-għaqdiet ingħataw aktar viżibilità mal-pubbliku.

Fil-Petting Farm, waqt l-attività li kienet għaddejja, kellna żona ddedikata għad-diskussjoni. Kienu diversi s-suġġetti li ġew trattati waqt id-diskussjoni u ntlaqgħu tajjeb ferm mill-pubbliku li attenda. Fost dawn is-suġġetti kien hemm dawk relatati ma' ħidmet id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u l-iskema ddedikata għall-Kunsilli Lokali fejn diversi Kunsilli se jkunu qed jirċievu fondi biex iwettqu numru ta' inizjattivi li jsaħħu l-ħidma favur it-trobbija xierqa u l-ħarsien tal-annimali. Ġew trattati wkoll il-vantaġġi terapewtiċi li jistgħu joffrulna l-annimali, kif ukoll il-working dogs fejn issemmiet il-ħidma ta' klieb mgħallma fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fid-Dwana ta' Malta u ma' membri tal-Korp tal-Pulizija.

- **Mit-tfal għat-tfal**

Bħalissa, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali għaddej bi proċess ta' evalwazzjoni ta' numru ta' kitbiet. Fil-fatt, numru sabiħ ta' studenti li pparteċipaw fi Skolasajf 2019, ippreżentaw il-kitbiet tagħhom dwar il-qasam tal-annimali. Il-ħsieb wara din l-inizjattiva innovattiva hu li dawn il-kitbiet jiġu miġbura fi ktejjeb biex eventwalment jitqassam fl-iskejjel primarji f'pajjiżna ħalli nibqgħu nsaħħu u nkattru l-għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali.

Matul ix-xhur tas-sajf, uffiċjali mid-Direttorat kienu preżenti f'aktar minn 15-il ċentru ta' Skolasajf fejn għamlu preżentazzjoni lit-tfal li kienu qed jattendu fiċ-ċentri rispettivi.

Dawn l-inizjattivi kienu possibbli grazzi għall-koperazzjoni li teżisti bejn id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) li għal dawn l-aħħar snin ħdimna flimkien waqt edizzjonijiet ta' SkolaSajf.

- **Id-Direttorat fost iż-żgħażagħ fil-Junior College u l-Kulleġġ De La Salle**

Ftit tal-jiem ilu, imbarkajna fuq inizjattiva oħra biex inwasslu ħidmet id-Direttorat u nkattru l-għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali lil numru sabiħ ta' studenti żgħażagħ f'żewġ kulleġġi postsekondarji ewlenin f'pajjiżna – il-Junior College u l-Kulleġġ De La Salle. Fi żjarat bħal dawn, l-uffiċjali dejjem jagħtu l-opportunità lill-istudenti li jkollhom l-esperjenza li jieħdu kelb li nieħdu magħna għal mixja qasira.

Barra minn dan, fil-Junior College l-istudenti żgħażagħ ingħataw l-opportunità li jiltaqgħu ma' uffiċjali tad-Direttorat, kif ukoll li saret kampanja dwar l-użu tal-app Animalwelfare malta. F'De La Salle ġiet imtellgħa preżentazzjoni dwar dak kollu li jwettqu l-ħaddiema tad-Direttorat u l-istudenti setgħu jsegwu kitten feeding mill-viċin. Fl-aħħar tas-sessjoni f'De La Salle assistejna għal ġest ħelu fejn l-istudenti ppreżentaw kartolina kbira li għamlu huma stess lill-uffiċjali tad-Direttorat b'apprezzament għall-ħidma li jwettqu.


Waqt l-open day ġewwa l-Għammieri


Ġewwa l-Junior College


Żjarat ġewwa l-Junior College u De La Salle

# PREMJU MERBUĦ MILL-ARPA GĦAL SERVIZZ TA' KWALITÀ U EĊĊELENZA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Chantea Balzan
Trainee Unit D4 ARPA

Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru, 2019, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, ġiet mogħtija l-premju ta' servizz ta' kwalità u eċċellenza matul l-ewwel edizzjoni ta' din il-premjazzjoni li seħħet bħala parti mill-programm tal-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku 2019. Dan il-premju jikkonsisti fi plakka li titwaħħal fejn il-bieb ta' barra tal-entità biex tindika lill-klijenti li għandhom jistennew servizz ta' kwalità. Il-premju nġabar mill-Kap tal-Aġenzija, Dr Justin Zahra f'isem dawk l-uffiċjali kollha li kkontribwixxew lejn it-twettiq ta' livelli għoljin ta' servizz.

Il-premju ġie ppreżentat mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella, u huwa rikonoxximent sabiħ għall-Aġenzija li rnexxielha twettaq l-erba' pilastri ta' servizz ta' eċċellenza li huma:

- Il-vuċi u l-fatt li nifhmu lill-klijent
- Id-disinn u l-implimentazzjoni ta' politiki u servizzi li jilħqu l-aspettattivi tal-klijenti
- L-għoti ta' servizz ta' kwalità
- Il-kontabbiltà, fejn in-nies u l-klijenti jsiru parti mill-eċċellenza tas-servizz mogħti

L-Aġenzija b'hekk irnexxielha tilħaq livell eċċellenti permezz ukoll ta' titjib fl-ambjent tax-xogħol, u tal-iżvilupp ta' proċessi tas-servizz mogħti li huma user-friendly. Tajjeb ngħidu wkoll, li l-ARPA stabbiliet u ħadmet b'suċċess Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinsab ippubblikat kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fl-indirizz imsemmi aktar 'il quddiem f'dan l-artiklu.

Għalkemm dan il-premju ntrebaħ, dan ma jfissirx li l-monitoraġġ ser jieqaf hawn. L-entità rebbieħa ser tibqa' suġġetta għal monitoraġġ kontinwu anka permezz ta' sistema ta' mystery shopping. It-tali proċessi huma mħaddna sabiex jiżguraw li fil-futur is-servizz mogħti jibqa' jkun wieħed ta' kwalità u eċċellenza għall-klijenti tagħna.

Għal aktar informazzjoni dwar dan il-premju, wieħed jista' jikkonsulta s-sit elettroniku tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali https://agriculture.gov.mt/en/arpa/Pages/theQualityAward.aspx fejn jista' wkoll jiġi mniżżel iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità tal-Aġenzija. Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office tal-Aġenzija fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mesdc@gov.mt









Photo - DOI - Omar Camilleri

# JUM L-ANNIMALI

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali flimkien mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Promozzjoni u s-Servizzi organizza Jum l-Annimali ġewwa l-Petting Farm Ta' Qali. Waqt il-ftuħ ta' din l-attività, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-ħarsien tal-annimali Clint Camilleri qal li l-għan ewlieni ta' din il-ġurnata hu li nkabbru l-għarfien edukattiv dwar l-annimali, kif ukoll il-benefiċċji li huma marbutin mar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-annimali.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri qal li t-trattament xieraq tal-annimali qed jibqa' jingħata prijorità taħt dan il-Gvern u elenka diversi inizjattivi li saru fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali. Huwa fakkar li ssaħħu l-pieni kontra l-moħqrija tal-annimali - piena massima sa €80,000, daħlet il-liġi magħrufa kontra ċ-chained dogs u ġew implimentati regolamenti ġodda fejn identifikajna kundizzjonijiet xierqa meta żiemel jintuża bħala parti mit-tradizzjoni tal-karozzini.

Camilleri spjega li kompla jsir investiment fis-santwarji fejn fil-baġit li għadda nżammet iż-żieda






Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca








Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri waqt diversi żjarat fl-okkażjoni ta' Jum l-Annimali

fl-allokazzjoni fl-animal welfare fund minn €65,000 għal €85,000 u tnediet l-inizjattiva tas-servizzi veterinarji b'xejn li kienet suċċess. Barra minn hekk, Camilleri stqarr li kompla jiġi offrut is-servizz ta' veterinarju bla ħlas lill-NGOs li joperaw fis-settur tat-trattament xieraq tal-annimali u qed ikun offrut ukoll fond t'għajnuna lis-santwarji biex jassistu l-animal welfare fir-rehoming ta' klieb u qtates. L-Onor. Clint Camilleri semma l-introduzzjoni ta' skema b'valur ta' €120,000 sabiex Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħmlu proġetti fil-lokal tagħhom kemm f'dawk li huma dog parks u cat cafes kif ukoll inizjattivi relatati ma' neutering u promozzjoni favur il-ħarsien tal-annimali.

F'attività separata organizzata fl-Iskola Primarja taż-Żebbuġ Għawdex, is-Segretarju Parlamentari responsabbli faħħar l-inizjattiva li ħadet din l-iskola biex torganizza Jum l-Annimali u qal li l-għan ewlieni tal-Gvern huwa li nkomplu nkabbru l-għarfien edukattiv dwar l-annimali, kif ukoll il-benefiċċji li huma marbutin mar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-annimali, għaliex it-trattament xieraq tal-annimali jibqa' fuq nett tal-aġenda ta' dan il-Gvern.



Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca



# MIŻURA TAL-BAĠIT 68 – BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ

Matul l-2019, id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività fi ħdan id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali kien impenjat sabiex jgħin din il-faxxa ta' bdiewa tant importanti għall-futur tas-settur agrikolu.

Id-Direttorat beda jattendi l-fiera tal-karrieri intiża għal studenti tat-tmien sena bil-għan li l-uffiċjali Governattivi jkunu jistgħu jagħtu informazzjoni fattwali lill-istudenti li jkunu mħajra jagħżlu karriera marbuta mal-qasam agrikolu. Saru wkoll diversi laqgħat sew Malta kif ukoll Għawdex mal-bdiewa żgħażagħ bil-ħsieb li d-Direttorat jara mill-qrib x'inhuma l-isfidi partikolari tal-bdiewa żgħażagħ. Matul il-laqgħat ingħatat informazzjoni dwar l-innovazzjoni fl-agrikoltura u anke ġiet diskussa l-possibilità li jibdew jiġu involuti bdiewa fuq provi ta' diversi xitel ġodda għal pajjiżna. Mal-Ministeru għall-Edukazzjoni ġiet diskussa wkoll l-opportunità li se tingħata lill-istudenti sekondarji li jagħżlu s-suġġett ta' agrikummerċ, l-użu tal-faċilitajiet ġewwa l-Għammieri għal fini ta' prattika ta' dan is-suġġett vokazzjonali.

Fl-aħħar nett, f'Ottubru 2019 l-Onorevoli Clint Camilleri ħabbar li minn din is-sena b'kollaborazzjoni mal-MCAST se jibdew jiġu offruti korsijiet għall-bdiewa u r-raħħala interessati. Il-korsijiet ġew magħżula bil-ħsieb li jgħinu lil dan is-settur ikollu aċċess ta' edukazzjoni formali bil-għan li jsir aktar kompetittiv. Il-korsijiet qed ikunu disponibbli mingħajr ħlas u min japplika se jkollu anke l-opportunità li jagħmel ix-xogħol marbut ma' dawn il-korsijiet u jingħata ċertifikat mill-MCAST. Il-lista ta' korsijiet disponibbli hi kif ġejja hawn taħt:

## TROBBIJA TAL-ANNIMALI

Dan is-suġġett jintroduċi lill-istudent għall-prinċipji essenzjali relatati mat-trobbija tal-annimali bħall-bżonnijiet tal-ikel u tal-ilma, il-valur nutrittiv tal-ġwież, eċċ. Apparti minn hekk, l-istudenti jitgħallmu fuq l-akkomodazzjoni ta' skali differenti tal-annimali tal-irziezet skont il-liġijiet tal-pajjiż. F'dawn is-sigħat ta' tagħlim, l-istudent jingħata wkoll introduzzjoni għas-suq tal-prodotti tal-annimali u kif l-aħjar li wieħed jilħaq is-suq.

## TROBBIJA TAL-FNIEK

Dan s-suġġett jintroduċi lill-istudenti għall-kura u t-trobbija tal-fniek u jidħol fid-dettall dwar il-bżonnijiet tal-fenek tat-trobbija f'dak li għandu x'jaqsam ma' ikel, ilma u kundizzjonijiet klimatiċi. Apparti minn hekk, l-istudenti jitgħallmu dwar il-bżonnijiet tal-akkomodazzjoni, makkinarju u għodda importanti f'dan il-qasam. F'dawn is-sigħat tingħata wkoll informazzjoni dwar il-bijoloġija tal-fenek, it-tgħammir, il-mard u l-kura ta' dan il-mard.

## SAĦĦA U SIGURTÀ

Dan s-suġġett jagħti l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi sabiex l-istudenti jkunu kapaċi jirrikonoxxu u jipprattikaw prattiċi tajbin tas-saħħa u s-sigurtà f'postijiet tax-xogħol relatati ma' għelieqi u rziezet. F'dawn is-sigħat, l-istudent jitgħallem jifhem x'inhuma l-perikli u r-riskji li ħaddiem jista' jiltaqa' magħhom meta jkun qed jaħdem b'makkinarju, mal-annimali jew f'postijiet oħra relatati. Jiġu wkoll mgħallma l-liġijiet bażiċi relatati ma' dan is-suġġett.

## PRODUZZJONI TAT-TIĠIEĠ

Dan s-suġġett jgħallem lill-istudenti dwar it-trobbija tat-tiġieġ f'sistemi differenti - kemm dik intensiva kif ukoll dik estensiva u kemm dawk imrobbija



Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri waqt konferenza stampa fejn infetħu l-applikazzjonijiet tal-korsijiet għall-bdiewa fl-MCAST

għall-bajd kif ukoll għas-simna. L-istudenti jitgħallmu dwar l-ippjanar u x-xogħol f'razzett tat-tiġieġ u jiddiskuti suġġetti bħal disinn ta' akkomodazzjoni, tagħmir, ligijiet, iż-żamma ta' rekords, nutrizzjoni, mard, preparazzjoni tal-laħam u bajd għas-suq u aspetti oħra importanti fit-trobbija tat-tiġieġ.

## PRODUZZJONI TAL-MAJJALI

F'dan is-suġġett l-istudent jitgħallem dwar l-industrija tal-majjali u t-tibdil li qed iseħħ fiha. Matul dawn is-sigħat jiġu mgħallma s-sistemi differenti tal-produzzjoni tal-majjali, kunċetti dwar il-benessere tal-annimal, is-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni tal-ambjent u prattiċi sostenibbli ta' trobbija. Is-suġġett jiddiskuti t-trobbija u l-ġestjoni tal-majjali, iċ-ċiklu riproduttiv, il-fażijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-produzzjoni, l-għażla tar-razza, nutrizzjoni, bżonnijiet klimatiċi u ambjentali, il-mard u l-kontroll ta' dan l-istess mard u suġġetti oħrajn relatati.

## PRODUZZJONI TAL-ĦALIB

Il-produzzjoni tal-ħalib huwa s-suġġett prinċipali diskuss hawnhekk. L-istudenti jitgħallmu dwar it-trobbija tal-annimali li jipproduċu l-ħalib, l-iġjene u l-ġestjoni tal-irziezet ta' dawn l-annimali. Is-suġġett jiddiskuti wkoll aspetti relatati man-nutrizzjoni, prevenzjoni u kura ta' mard, benessere tal-annimali u ċ-ċikli differenti ta' fuq ir-razzett.

## INTRODUZZJONI GĦALL-PRODUZZJONI TA' FROTT U ĦAXIX

Dan is-suġġett jiddiskuti l-prinċipji tal-produzzjoni tal-frott u ħaxix bħal, pereżempju, il-kunsiderazzjonijiet tal-post fejn tkun se tiżra'/tħawwel, it-tkabbir tal-pjanti miż-żerriegħa, l-għażla tal-varjetà, l-istaġjonalità, it-tisqija, l-użu bażiku ta' fertilizzanti, kontroll ta' ħaxix salvaġġ u tal-mard u suġġetti oħra. J ġu wkoll diskussi prinċipji speċifiċi relatati mal-produzzjoni tal-frott bħaż-żbir.

## PRODUZZJONI TAL-FROTT U ĦAXIX FIL-FAMILJI TAS-SOLANCEAE, CUCURBITACEAE U TAR-ROSACEAE

Dan is-suġġett ikopri l-prinċipji tal-ġestjoni tal-ħamrija u teknika ta' kultivazzjoni ta' frott u ħaxix f'dawn il-familji.

Il-patata, fil-familja tas-Solanaceae, tiġi diskussa mill-aspetti tal-għażla tal-varjetà u l-kultivazzjoni tagħha. In-nutrizzjoni, protezzjoni mill-mard, tisqija u preparazzjoni għas-suq jiġu ko lha diskussi. Dan isir għall-frott u għall-ħaxix l-oħra fl-istess familja tas-Solanaceae (bħat-tadam, brunġiel, bżar, eċċ) kif ukoll fil-familja tal-Cucurbitaceae (bħall-bettieħ, qarabagħli, qargħa ħamra), u tar-Roaceae (bħall-frawli).

## IMMANIĠĠJAR TAL-IRZIEZET

Dan is-suġġett ikopri l-bżonnijiet differenti tal-immaniġġjar tal-irziezet tal-annimali bħal, pereżempju, l-immaniġġjar finanzjarju ta' razzett, l-importanza taż-żamma u l-analiżi tar-rekords u l-immaniġġjar tal-ambjent tar-razzett u s-saħħa tal-annimali. Il-prassi adekwata u l-operat xieraq ta' dawn l-irziezet jiġu diskussi f'ċertu dettall.

## IMMANIĠĠJAR TAN-NUTRIZZJONI TAL-PJANTI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Borg D.
Director IAS - MCAST

Dan is-suġġett jagħti lill-istudenti l-għodda neċessarja sabiex jifhmu l-bżonnijiet tan-nutrizzjoni tal-pjanta u kif it-tkabbir u l-fertilizzazzjoni ta' din l-istess pjanta għandu jiżgura li dawn il-bżonnijiet jintlaħqu. L-irwoli tan-nutrijenti differenti, il-fatturi li wieħed għandu jikkunsidra qabel japplika xi fertilizzant u d-disinn ta' programm ta' fertilizzazzjoni jiġu diskussi.

## INTEGRATED PEST MANAGEMENT

Dan is-suġġett jintroduċi l-prinċipji u l-mekkaniżmi bażiċi fl-immaniġġjar integrat ta' mard tal-pjanti u jiddiskuti kunċetti essenzjali f'dan il-kuntest bħall-agroekoloġija, dinamiċi tal-popolazzjoni tal-insetti, kontrolli bijoloġiċi, kimiċi, kulturali u mekkaniċi u kif dan kollu jiġi integrat fi pjan biex jikkontrolla aħjar mard u insetti qerrieda.

Għal aktar informazzjoni dwar il-korsijiet offruti mill-MCAST wieħed għandu jċempel l-MCAST fuq 23987340





Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca

# LAQGĦA GĦALL-BDIEWA U R-RAĦĦALA – IL-ĠIMGĦA GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU 2019

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

Bħala parti mill-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku 2019 saret laqgħa pubblika fis-sala tal-Għammieri nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru, 2019 fil-17:30 fejn kienu preżenti numru ta' bdiewa u raħħala lokali.

Matul din il-laqgħa saret preżentazzjoni mis-Sur Emanuel Azzopardi (mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali), is-Sur Kriss Debono (mid-Dipartiment tal-Agrikoltura), is-Sur Noel Azzopardi (mid-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u Kompetittività) u s-Sur Sharlo Camilleri (mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti) dwar kif, permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, jistgħu jibbenefikaw minn proċessi u sistemi aktar effiċjenti bil-għan ewlieni li jitnaqqas ir-riskju ta' sanzjonijiet u penalitajiet għall-bdiewa abbażi tal-obbligi tal-Cross Compliance u ta' skemi ta' għajnuna finanzjarja mill-Fondi Ewropej.

Il-laqgħa kienet waħda interattiva, fejn numru ta' bdiewa u raħħala ngħataw il-possibbiltà li jsemmgħu l-kummenti, il-mistoqsijiet u s-suġġerimenti tagħhom, li kollha kienu milqugħa u mwieġba b'mod ċar mill-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali Dr Justin Zahra, u mid-Direttur tal-istess Aġenzija s-Sur Adrian Attard. Barra minn hekk, l-Aġenzija wiegħdet lill-bdiewa li se tikkunsidra s-suġġerimenti kollha mgħoddija u tara kif tista' tiżviluppa l-mobile apps u s-sistemi tagħha abbażi ta' dak li talbu l-parteċipanti.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu tal-mobile apps u ta' teknoloġija ġdida għall-benefiċċju tal-bdiewa u tar-raħħala fis-settur agrikolu, wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija fuq https://agriculture.gov.mt/en/arpa/Pages/mobileAppsMan.aspx minn fejn jistgħu jitniżżlu l-linji gwida rilevanti u dettaljati. Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office tal-Aġenzija fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mesdc@gov.mt.



Ritratti kollha f'din il-paġna - DOI - Omar Camilleri







# AZZJONI KONKRETA

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri attenda għal-laqgħa tal-Ministri Ewropej għall-Agrikoltura u s-Sajd ġewwa l-Lussemburgu fejn din id-darba l-laqgħat iffukaw l-iżjed fuq is-settur tas-sajd. Fil-fatt, Camilleri qal li kellu diskussjonijiet informali mal-Kummissjoni rigward il-problema li s-sajjieda tagħna qegħdin jaffaċċjaw mad-dgħajjes possibbilment Tuneżini fejn jidħol is-sajd tal-lampuki. Huwa spjega li l-Kummissjoni dehret b'mod ċar li se tkun qiegħda tafferma l-pożizzjoni ta' Malta sabiex insibu soluzzjoni għal din il-problema.

Barra minn hekk, kompla Camilleri, il-Kummissjoni se tkun ukoll qiegħda tressaq il-pożizzjoni tagħna fil-GFCM. Malta se tkun qiegħda tagħmel il-parti tagħha kemm f'dan il-Kumitat kif ukoll mal-Gvern Tuneżin biex tinstab soluzzjoni. Is-Segretarju Parlamentar responsabbli mill-qasam tas-sajd qal li "qed nifhmu li l-awtoritajiet Tuneżini stess jixtiequ jsolvu din il-problema għaliex qed jaħsbu li ħafna minn dawn il-bastimenti qegħdin jagħmlu dan is-sajd b'mod illegali u mhux illiċenzjat."

Rigward l-opportunità tas-sajd fil-Baħar Baltiku, is-Segretarju Parlamentar Clint Camilleri esprima wkoll it-tħassib dwar kontrolli li kienu qed jiġu proposti mill-Kummissjoni. Dan għaliex dawn il-kontrolli proposti kienu se joħolqu piż eċċessiv fuq is-sajjieda. Fil-fatt, wara diskussjonijiet twal ġew imwarrba għalkollox.

Is-Segretarju Parlamentari tkellem ukoll dwar diskussjonijiet li kien hemm rigward il-qasam tat-tonn fejn fil-ġimgħat li ġejjin se jkun hemm ukoll laqgħat tal-ICAAT. Hawnhekk kompla jgħid li "l-Kummissjoni tikkontrolla b'mod internazzjonali l-qbid tat-tonn fejn qegħdin nilqgħu l-proposta fejn din is-sena jidher li se jkollna żieda sostanzjali fil-kwota tat-tonn. Però, aktar minn hekk irridu naraw issa kif se nimmaniġġjaw l-istokkijiet tat-tonn kif ukoll tal-pixxispad sabiex ikollna wkoll stokkijiet sostenibbli fl-ibħra tagħna."

Fl-aħħar nett dwar is-settur agrikolu Camilleri qal li Malta hija tal-opinjoni li għandu bżonn ikun hemm żieda fl-allokazzjoni tal-fondi tal-UE, bħall-Iżvilupp Rurali, bil-għan li nirreżistu l-impatt tat-tibdil fil-klima u l-introduzzjoni ta' pestiċidi fuq il-foresti, għaliex dawn huma l-effetti ewlenin li qegħdin jikkontribwixxu għat-telf tal-foresti.



Ritratt - MESDC - Joseph Mercieca

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura u s-Sajd Clint Camilleri waqt laqgħa tal-AgriFish fil-Lussemburgu

# L-EWWEL WINE APPRECIATION EVENT F'GĦAWDEX

F'Ta' Frenċ ġiet organizzata b'suċċess it-tieni Wine Appreciation Event u l-ewwel waħda f'Għawdex fejn matulha dawk preżenti setgħu japprezzaw il-livell għoli ta' nbejjed li joffru l-għassara u l-produtturi fil-gżejjer tagħna.

Id-DOK Malta, id-DOK Gozo u l-IĠT Maltese Islands huma nbejjed reġistrati tal-Unjoni Ewropea u jgawdu protezzjoni Ewropea. B'kollox f'Malta u f'Għawdex hawn madwar 800 persuna li jkabbru d-dwieli, b'ħafna mill-produzzjoni llum hija mmirata lejn l-IĠT u d-DOK b'madwar 2,000,000 flixkun fis-sena. Il-produzzjoni ta' dawn l-inbejjed hija garantita u l-inbejjed kollha li għandhom il-marka DOK u IĠT ġew iċċertifikati f'laboratorji akkreditati barra minn Malta.

Ftit tal-ġimgħat ilu, tnediet ukoll l-ewwel rotta tal-inbejjed (wine trail) li tiġbor fiha l-għassara tal-inbejjed DOK u IĠT fiż-żewġ gżejjer. Il-wine trail fil-fatt tinsab disponibbli fuq is-sit www.winesofmalta.gov.mt bl-informazzjoni fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-inbid ta' kwalità, u hemm pjanijiet li tiġi żviluppata maż-żmien sabiex l-attrazzjonijiet jikbru.

Fil-ftuħ tal-Wine Appreciation Event is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri rringrazzja lill-għassara għall-impenn għaliex il-kollaborazzjoni tagħhom hija neċessarja biex tibqa' tittella' din l-attività minn sena għal oħra.





Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca











Ritratti kollha f'din il-paġna - MESDC - Joseph Mercieca








Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri jiftaħ il-Wine Appreciation Event f'Għawdex

# IL-PROĠETT TA' TISBIĦ FIL-PARK REĠJONALI TA' ĦAŻ-ŻABBAR

Dan l-artiklu nkiteb mill-
Perit David Farrugia
Ambjent Malta

Fl-2006 l-Awtorità tal-Ippjanar kienet għażlet is-siti biswit is-swar tal-Kottonera għall-użu rikreattiv tar-residenti tal-lokal kif ukoll tal-madwar. Ambjent Malta ġiet mogħtija l-inkarigu li ssebbaħ u tiżviluppa dan is-sit li jinkludi żoni fejn jilagħbu t-tfal, żoni għall-piknik, bankijiet, korsiji għall-giri, oħrajn għas-sewqan tar-rota u faċilitajiet oħra, inkluż titjib ta' dawk eżistenti. Dan kollu kellu jsir b'mod illi ma jiġix kompromess il-valur storiku u arkitettoniku tal-istess fortifikazzjonijiet. Importanti wkoll il-fatt illi sabiex iseħħ il-pjan li ġie mfassal, il-partijiet konċernati kellhom jieħdu ħsieb illi b'ebda mod ma ssir ħsara lill-potenzjal arkeoloġiku, ekoloġiku, u ambjentali tal-post.

Il-Proġett tal-Park Reġjonali ta' Ħaż-Żabbar jinsab fil-Foss quddiem is-Sur ta' San Klement u dak ta' Notre Dame u kkonfinat mit-Triq Kunsill tal-Ewropa. Il-park qiegħed fuq medda art ta' madwar 62 tomna u nistgħu ngħidu li dan is-sit huwa pulmun aħdar f'dan ir-reġjun.

Madwar tliet snin ilu ġie mniedi programm ta' titjib f'din iż-żona bl-ewwel ħruġ tal-permessi relattivi għall-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA 01451/16). Sussegwentement, tkompla d-disinn dettaljat tal-proġett. Wara dan l-istadju nbeda l-proċess ta' sejħiet għall-offerti għal xogħlijiet, u l-eżekuzzjoni tagħhom. Dan kien jinvolvi t-tħejjija tad-dokumenti meħtieġa (tenders) u l-pubblikazzjoni tagħhom liema xogħol waqa' taħt l-operat amministrattiv, kif ukoll dak tekniku fi ħdan Ambjent Malta. L-ewwel u qabel kollox, wara diversi laqgħat ġew identifikati xogħlijiet illi setgħu jsiru mill-ħaddiema ta' Ambjent Malta. Fost l-oħrajn sar ħafna xogħol ta' tindif. Inġarr ammont kbir ta' skart li kien mitfugħ f'dan is-sit illegalment. Sar żbir tas-siġar li ilhom f'dan il-park żmien twil u tneħħew anke siġar u arbuxelli meqjusa bħala invażivi u li joħonqu l-flora indiġena. Dan sar sabiex inkomplu nieħdu ħsieb is-siġar stabbiliti. Barra minn hekk, sabiex inkomplu nkattru dan il-patrimonju qed isir taħwil ta' siġar ġodda. Huwa ppjanat li b'kollox ikunu tħawlu mal-1,500 siġra indiġena.

Saret ukoll tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ u livellar tal-art. Ġew anke mfassla l-passaġġi u tħejjiet sistema għal dawl baxx fil-passaġġi. Sar ukoll tħammil ta' materjal sabiex tinbena platform li tilqa' fuqha art tal-lastiku u diversi biċċiet ta' logħob tat-tfal. Dan kien maħsub biex persuni ta' kull età li jiffrekwentaw dan il-post isibu xi ħaġa ta' interess. Ta' min isemmi li dan ix-xogħol kollu sar bħala preparazzjoni, kif ukoll biex jikkumplimenta xogħol li ried isir minn kuntratturi varji. Fost is-sejħiet għall-offerti kien hemm dik ta' bini ta' kafetterija, faċilitajiet sanitarji u żona tas-servizzi. Barra minn hekk, tlestiet ukoll sistema ġdida ta' drenaġġ mgħammra b'pompi b'saħħithom u b'katusi ġodda. Ħarġet sejħa għall-offerti għall-aperturi ta' din il-binja, sistema tad-dawl elettronika, u sistema ta' sorveljanza, kisi u madum. Dan għandu jwassal sabiex dan is-sit ikun moqdi bis-servizzi kollha meħtieġa għal dawk kollha li jżuruh. Ser isiru wkoll passaġġi ġewwa l-park bil-konkos b'kuluri u b'disinn li jaqblu ma' dan l-ambjent. Dawn il-passaġġi u d-dwal ta' magħhom jgħinu biex kull parti tal-park tkun aċċessibbli minn kulħadd.

L-aħħar u mhux l-anqas sejra tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti għall-bini ta' teatru Grieg żgħir fejn ikunu jistgħu jsiru attivitajiet żgħar edukattivi u kulturali. Din is-sejħa kellha aspett ieħor importanti ferm, jiġifieri dak li jinħoloq ammont ta' postijiet ta' parkeġġ ta' vetturi għan-nies li jiffrekwentaw dan l-ispazju. Ambjent Malta tħoss illi fil-ħajja tal-lum, dan huwa aspett importanti għax jekk ikun hemm parkeġġ adekwat, il-park jattira aktar nies. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi jitwaqqa' l-ħajt ta' barra madwar parti mill-park u jiġi rilokat aktar 'il ġewwa. B'hekk il-parkeġġi jkunu wkoll aktar sikuri.

Dawn ix-xogħlijiet kollha mexjin b'pass meqjus minħabba li Ambjent Malta kellha tħabbat wiċċha ma' diversi sfidi. Minkejja dan, il-proġett jinsab fi stadju avvanzat u l-mira hi li l-Park Reġjonali ta' Ħaż-Żabbar jiġi inawgurat f'Marzu 2020. Wara li Ambjent Malta irrestawrat b'suċċess Ġnien l-Għarusa tal-Mosta f'Mejju tal-2019 huwa mistenni li dan il-park ikun suċċess ieħor ta' tisbiħ li għandu jintlaqa' b'mod pożittiv mill-pubbliku kollu.







# IR-REĠISTRU NAZZJONALI TA' PRODOTTI AGROALIMENTARI TRADIZZJONALI TA' MALTA U GĦAWDEX

REĠISTRU NAZZJONALI TA' PRODOTTI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Leo Vella
Principal Agricultural Officer
fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura




Kulħadd għandu idea u interpretazzjoni differenti għal dak li għandu jitqies bħala tradizzjonali meta nitkellmu fuq tkabbir ta' prodotti agrikoli kif ukoll produzzjoni ta' ikel u platti Maltin. Wieħed jista' jinterpreta prodott tradizzjonali bħala platt li hu preparat u servut ġo Malta, persuna oħra tista' tagħraf prodott tradizzjonali bħala wieħed li daħal ġewwa Malta minn pajjiż ieħor u li ġie adattat bħala prodott jew platt Malti matul iż-żminijiet.

- **Għaliex reġistru nazzjonali ta' prodotti agroalimentari tradizzjonali?**

L-iskop tar-reġistru nazzjonali ta' prodotti agroalimentari tradizzjonali ta' Malta u Għawdex hu sabiex l-Istat Malti jirrikonoxxi kif ukoll ikun hemm referenza uffiċjali għal dawn il-prodotti.

Importanti ħafna li ssir distinzjoni bejn dak li hu storiku u dak li hu tradizzjonali. L-għan ta' dan ir-reġistru mhuwiex dak li terġa' titqajjem kuxjenza storika fuq prodotti agrikoli jew platti li kienu jissajru fi żminijiet antiki u li llum intilfu għalkollox, iżda hu wieħed fejn permezz ta' dan ir-reġistru nżommu ħajjin dawk il-platti u prodotti agrikoli li qed jintesew mal-medda taż-żmien u li forsi għadhom jiġu kkultivati jew preparati kemm ta' kuljum kif ukoll f'okkażjonijiet speċjali, minnies avvanzati fl-età jew saħansitra f'postijiet distinti fil-Gżejjer Maltin.

- **X'inhuma r-rekwiżiti sabiex platt jew prodott agrikolu Malti jkun jista' jiġi rikonoxxut f'dan ir-reġistru?**

Il-produzzjoni ta' frott u ħaxix kif ukoll it-tipi u l-preparazzjoni ta' diversi platti Maltin hi waħda rikka u varjata. Dan għaliex f'Malta dak li hu kkultivat u mittiekel għandu rabta qawwija mat-territorju u l-ġeografija li fih ikun tkabbar il-prodott. Għal dan il-għan id-Direttorat tal-Agrikoltura se jkun qed jamministra dan ir-reġistru sabiex dak li hu mkabbar mill-bidwi b'tant dedikazzjoni jintrabat b'aktar saħħa mat-tradizzjoni u mal-ikel tipiku Malti.

Sabiex platt jew prodott agrikolu Malti jkun jista' jiġi rikonoxxut f'dan ir-reġistru, il-proċess ta' tkabbir jew dak ta' produzzjoni kif ukoll il-metodi ta' maturazzjoni u priservazzjoni għandhom ikunu konsolidati biż-żmien. Dan sabiex ikun hemm prova li ġie tramandat bejn il-ġenerazzjonijiet. It-tali perjodu ta' produzzjoni m'għandux ikun inqas minn 25 sena.

- **Kif rodott jitniżżel uffiċjalment fir-reġistru?**

Sabiex prodotti agrikoli u platti tipiċi Maltin jitniżżlu uffiċjalment fir-reġistru nazzjonali ta' prodotti agroalimentari tradizzjonali ta' Malta u Għawdex, id-Direttorat tal-Agrikoltura fl-2014 ippubblika Avviż Legali fejn il-proċess li bih it-tali reġistru għandu jiġi kkumpilat ġie determinat. Persuni li jixtiequ jikkontribwixxu billi jaqsmu informazzjoni ġenerali dwar xi prodott agrikolu jew platt partikolari għandhom jimlew applikazzjoni hekk kif misjuba onlajn fuq is-sit elettroniku www.ikeltakwalita.gov.mt.

Ladarba t-tali applikazzjonijiet jiġu sottomessi lid-Direttorat tal-Agrikoltura, bord imwaqqaf apposta jiltaqa' u l-applikazzjonijiet jiġu evalwati. Jekk applikazzjoni tilħaq il-kriterji mitluba, din toħroġ għall-konsultazzjoni pubblika, fejn il-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjoni jew is-suġġerimenti tiegħu sa massimu ta' 30 ġurnata mid-data ta' pubblikazzjoni. L-iskop aħħari hu li t-tali prodotti u platti jiġu rikonoxxuti fuq bażi nazzjonali.

- **Fejn nista' nsib iktar informazzjoni?**

Persuni li jixtiequ jaqsmu informazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli jew platti Maltin sabiex b'hekk ikunu inklużi fir-reġistru jistgħu jagħmlu dan billi jikkuntattjawna fuq dawn il-mezzi li ġejjin:

Telefown: 2292 4339
Email: ikeltakwalita.mesdc@gov.mt
Website: www.ikeltakwalita.gov.mt

# ARTIKLU GĦAT-TFAL

Dan l-artiklu nkiteb minn
Maria Micallef
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

## Żmien il-Milied u Żmien il-Ponsjetta

Hello tfal kif intom? Nispera li kellkom ix-xorti tammiraw xi pitirross jgħanni jew iktar minn hekk forsi tajtuh jiekol minn idejkom!

Meta nsemmu l-Milied x'kuluri jiġukom quddiem għajnejkom? Jien ifakkarni fil-kuluri aħmar u aħdar, b'mod partikolari niftakar fil-ponsjetta! Imma qatt staqsejtu din il-pjanta minn fejn ġiet u kif saret tagħmel daqshekk parti importanti mill-Milied? Nistgħu ngħidu li hija l-pjanta uffiċjali tal-Milied!

Din il-pjanta ġejja minn post vera 'l bogħod. Fil-fatt, hija pjanta indiġena tal-Amerka t'Isfel, b'mod partikolari tikber fin-naħa t'isfel tal-Messiku. Il-ponsejtta daħlet fl-Ewropa fl-1804 min-naturalista Ġermaniż, Alexander Von Humboldt, u dan taha l-isem xjentifiku Euphorbia pulcherrima. Fl-1828 l-Ambaxxatur Amerikan tal-Messiku, Joel Roberts Poinsett daħħal ġewwa l-Amerka l-Ponsjetta għall-ewwel darba u b'hekk ġiet imsemmija Poinsettia bl-Ingliż, għalih. Bħala tifkira tal-mewt ta' dan l-ambaxxatur Amerikan, it-12 ta' Diċembru llum isibuh bħala Jum il-Ponsjetta. Il-ponsjetta dak iż-żmien kienet għadha ma tintużax fil-festi tal-Milied. Kien 100 sena wara meta bidwi bl-isem Paul Ecke, Ġermaniż li kien jgħix in-naħa t'isfel ta' Kalifornja, beda jbigħ din il-pjanta bħala l-pjanta tal-Milied.

## Il-Leġġenda tal-kuluri tal-Ponsjetta

Il-leġġenda tieħu ħajja ġewwa l-Messiku fejn tifla bl-isem ta' Pepita kienet sejra l-quddies ta' nofsillejl u ma kellhiex rigal x'tagħti lil Ġesù waqt il-quddies għaliex kienet fqira. Il-kuġin tagħha pprova jagħtiha l-kuraġġ u b'hekk insista magħha li anki b'xi ħaġa vera ma tiswiex flus Ġesù xorta jieħu pjaċir biha. B'hekk Pepita hija u sejra l-knisja qabdet ponn ħaxix minn ma' għonq it-triq u tefgħetu taħt Ġesù. F'daqqa waħda dawn il-weraq inbidlu f'kulur ħamrani sabiħ. Minn dakinhar 'l hemm il-ponsjetta bdiet tissejjaħ Flores de Noche Buena, li bil-Malti tfisser il-fjuri ta' lejlet il-Milied.



It-Tieni Pass



Pipe Cleaner



Ir-Raba' Pass



Ponsjetta Bħala Ornament



Il-Ħames Pass

**(KRAFTS)**

**HTTPS://WWW.FIRSTPALETTE.COM/CRAFT/POINSETTIA-ORNAMENT.HTML**

**(GĦANDNA BŻONN)**

1. Pannu/Karti ħomor u ħodor A4
2. Imqass
3. Lapes
4. Pipe cleaner aħdar (PIC)
4. Żibeġ kulur id-deheb jew buttuni

## Metodu

Morru fuq is-sit elettroniku li hawn muri fuq, u hemmhekk issibu karta mudell sabiex tipprintjawha u timxu fuqha.

L-ewwel pass - Pinġi l-forma fuq il-karta/pannu u aqta' bl-imqass.

It-tieni pass - Itfa' l-forom fuq xulxin kif muri, jekk użajt karti waħħalhom bil-kolla, jekk pannu tużax kolla għalissa.

It-tielet pass - Uża l-lapes sabiex timmarka n-nofs u agħmel toqba sabiex iddaħħal il-pipe cleaner kif muri.

Ir-raba' pass - Irranġa l-pipe cleaner kif muri.

Il-ħames pass - Waħħal iż-żibeġ/il-buttuni/il-karti fin-nofs.

# Riċetti Ta' ANTON B DOUGALL



Cassata Siciliana

## Ingredjenti għal Cassata ta' daqs 30ċm.

- panedispanja msajra
- 600g irkotta
- 200g zokkor
- 200g konfettura
- ġamm tal-berquq
- ftit krema friska
- maraschino
- pastarjali jew sugar paste
- ċikkulata jew royal icing
- frott ikkonfettat
- ftit cornflour

## Metodu

Ipprepara forma minn dawk taċ-ċinturin (spring form tin) ta' 30ċm, iksiha bl-istretch and seal. Din it-tip ta' forma tgħinek meta tiġi biex tneħħi l-cassata u tqegħedha fuq platt.

Aqta' biċċa panedispanja daqs tal-forma u poġġiha fil-qiegħ tal-forma. Il-panedispanja trid tkun irqiqa. Dawwar il-ġnub tal-forma b'biċċa panedispanja oħra.

Laħlaħ taħt l-ilma l-konfettura jew inkella naqqas mill-piż taz-zokkor.

Ġo bieqja qiegħed l-irkotta u għaffiġha tajjeb sakemm tiġi qisha krema. Żid iz-zokkor, ix-xorb u ftit krema friska. Kompli ħaddem biex it-taħlita tiġi ħaġa waħda.

Żid il-konfettura mat-taħlita tal-irkotta. Erġa' ħawwad.

Xarrab il-panedispanja li hemm fil-forma bi ftit xorb. Qiegħed it-taħlita tal-irkotta fuqha.

Erġa' aqta' biċċa panedispanja oħra daqs tal-forma u poġġiha fuq l-irkotta. Bil-mod agħfas ftit 'l isfel. Xarrab il-wiċċ bix-xorb.

Qegħeda fil-friġġ għal mhux anqas minn sagħtejn.

Neħħi mill-forma u poġġiha fuq platt ċatt. Idlikha bil-ġamm tal-berquq.

Roxx ftit cornflour fuq mejda u fuqha iftaħ il-pasta rjali jew sugar paste. Iksi l-cassata biha. Aqta' ż-żejjed li jkun hemm mal-ġnub u b'pinzell tal-kċina farfar il-cornflour li jista' jkun hemm fil-wiċċ.

Żejjen bir-royal icing jew biċ-ċikkulata jew bil-frott ikkonfettat.

Nota: Dan huwa dixx li tista' tlestih minn ġurnata qabel, tgħattih bl-istretch and seal u żżommu fil-friġġ. L-għada kemm tneħħi l-istretch and seal u ssajru ġo forn sħun.



Kannelloni Mimlija bl-Irkotta u bl-Ispinaċi

## Ingredjenti

- żewġ kannelloni għal kull persuna
- kilo rkotta
- kilo spinaċi msajra
- 3 bajdiet
- noċemuskata maħkuka friska
- melħ u bżar mitħun frisk
- 120g ġobon maħkuk. L-aħjar ġobon li tuża hu l-Grana Padano.

## Għall-Béchamel

- litru ħalib
- 60g dqiq
- 60g marġerina
- melħ u bżar mitħun frisk

## Metodu

Jekk se tuża spinaċi friska; qis li tnaddafha u taħsilha tajjeb qabel issajjarha. Meta tkun saret, saffiha u qattagħha f'biċċiet żgħar. Jekk se tuża spinaċi tal-friża, l-ewwel ħalliha toqgħod sakemm tinżel il-friża u wara qattagħha f'biċċiet żgħar.

Qiegħed l-irkotta ġo skutella kbira u għaffiġha tajjeb. Magħha żid nofs il-ġobon maħkuk, l-ispinaċi mqattgħa f'biċċiet u ħokk ftit noċemuskata friska. Roxx ftit melħ u bżar u ħawwad tajjeb.

Ixgħel il-forn 180OC, gass numru 4. Idlek il-qiegħ tad-dixx tal-forn bi ftit żejt.

Imla l-kannelloni bit-taħlita tal-irkotta u l-ispinaċi u poġġihom fuq platt kbir u ċatt.

Ipprepara l-béchamel. Ferra' l-ħalib ġo kazzola u agħmlu fuq nar moderat sakemm jagħli. Kif jagħli, itfi n-nar u żommu fis-sħana.

Dewweb il-marġerina ġo kazzola oħra. Baxxi n-nar u żid id-dqiq ftit ftit filwaqt li tħawwad il-ħin kollu.

Meta tkun żidt id-dqiq kollu neħħi minn fuq in-nar u żid il-ħalib ftit ftit. Ibqa' ħawwad il-ħin kollu.

Erġa' qiegħed il-kazzola fuq nar moderat. Roxx ftit melħ u bżar u ħawwad tajjeb. Baxxi n-nar u kompli sajjar għal ftit minuti oħra. Ibqa' ħawwad il-ħin kollu.

Agħmel ftit béchamel fil-qiegħ tad-dixx tal-forn. Irranġa l-kannelloni wieħed ħdejn l-ieħor. Trosshomx ħafna ma'xulxin, għax inkella ma jkunx hemm fejn toqgħod il- béchamel.

Meta tkun poġġejt il-kannelloni kollha, ferra' l-bqija tal-béchamel u roxx il-kumplament tal-ġobon. Erġa' roxx ftit bżar u nuċemuskata maħkuka fil-wiċċ, dejjem jekk tiggostaha.

Ħalli dan id-dixx joqgħod għal madwar siegħa qabel issajru.

Sajjar fil-forn għal madwar 40-50 minuta.



SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI